MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1001/2009

Karmenu Mifsud, ezercenti l-kummerc bl-isem
Karmenu Mifsud Funeral Services

Vs.

Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2010 l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentatat mill-attur fl-20 ta' Ottubru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**1.** ILLI l-kummerc ezercitat mill-esponent jikkonsisti fl-ghoti ta' servizzi funebri, u tali kummerc jinvolvi wkoll l-uzu ta' karrijiet ossia vetturi tal-mejtin moderni u godda tal-marka 'Mercedes C Class' appartenenti lill-istess esponent;

**2.** ILLI l-esponent kien importa zewg vetturi ghall-garr tal-mejtin matul is-sena elfejn u tnejn (2002). Minkejja li dawn il-vetturi gew importati skond il-ligi u minkejja wkoll li huwa hallas sahansitra l-ispejjez doganali, l-Awtorita' konvenuta naqset milli tirregistra dawn il-vetturi u tirrilaxxa id-debiti pjanci tan-numri tar-registrazzjoni. B'konsegwenza l-esponent gie ipprivat mill-uzu kummercjali ta' l-istess vetturi, u ghalhekk soffra danni;

**3.** ILLI l-esponent adixxa l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u sussegwentement lill-Onorabbli Kummissjoni ghall-Kummerc Gust billi talab li l-Awtorita' konvenuta tigi ordnata tirrilaxxa il-licenzji mehtiega. Din it-talba giet deciza permezz ta' decizjoni moghtija mill-imsemmija Kummissjoni fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

**4.** ILLI sussegwentement, l-esponent akkwista u importa erba' vetturi tal-mejtin ohra godda, u dan matul is-snin elfejn u sitta (2006) u elfejn u sebgha (2007). Minkejja li huwa dejjem osserva ir-regolamenti mehtiega, inkluz dawk fiskali u doganali, l-Awtorita' konvenuta irrifjutat li tirregistra dawn il-vetturi, u konsegwentement l-esponent ma setghax jaghmel uzu minnhom;

**5.** ILLI ir-rifjut ta' l-Awtorita' konvenuta inghata *in mala fede*, in kwantu l-imsemmija Awtorita' kienet konsapevoli tal-fatt illi l-esponent kien intitolat skond il-ligi li jkollu l-vetturi *de quo* registrati, u dan senjatament in vista tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Kummissjoni tal-Kummerc Gust fil-hamsa (5) ta' Lulju 2004, liema decizjoni kienet tikkoncerna mertu identiku ghal kaz odjern;

**6.** ILLI minkejja li l-Awtorita' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tottempora ruhha mal-ligi, hija baqghet tippersisti fl-agir illegali taghha;

**7.** ILLI b'konsegwenza, l-esponent kellu ghal darb'ohra jirrikorri ghall-proceduri quddiem l-Onorabbli Kummissjoni tal-Kummerc Gust wara li ressaq ilment quddiem l-Ufficcju

tal-Kompetizzjoni Gusta, u dan permezz ta’ l-ilment numru wiehed ta’ l-elfejn u tmienja (1/2008), bil-ghan li jinghata rimedju skond il-ligi;

**8.** ILLI minkejja l-fatt li l-Awtorita’ konvenuta ikkontestat it-talbiet ta’ l-esponent kif imwettqa permezz ta’ l-imsemmija procedura, fil-mori l-Awtorita’ konvenuta intebhet li l-opposizzjoni taghha kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement, matul ix-xahar ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fl-isfond ta’ azzjoni industrijali mehuda minn operaturi fis-settur tat-trasport, gew rilaxxati l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni tal-vetturi in kwistjoni, liema vetturi setghu ghalhekk jibdew jintuzaw fit-triq mill-esponent;

**9.** ILLI minhabba d-dewmien li sehh fir-registrazzjoni ta’ dawn il-vetturi ghall-garr tal-mejtin, liema dewmien sehh unikament minhabba opposizzjoni ngustifikata u minghajr ebda fondament legali jew fattwali da parti ta’ l-Awtorita’ konvenuta, l-esponent soffra danni;

**10.** ILLI ghalhekk huwa xieraq u gust li l-Awtorita’ konvenuta tirrizarcixxi d-danni sofferti mill-esponent;

**11.** ILLI minkejja li giet interpellata ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, l-Awtorita’ konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab li l-Awtorita konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

**1.** tiddeciedi u tiddikjara illi l-Awtorita’ konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur stante *mala fede* u eghmil illegali, abbuziv u irragonevoli ezercitat mill-istess Awtorita’;

**2.** tillikwida d-danni konsegwenzjalment sofferti occorrendo permezz ta' l-opera ta' *periti nominandi*;

**3.** tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-attur id-danni kif likwidati minnha,

u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju fl-ismijiet hawn fuq premessi u ntavolat fit-tlieta (3) ta' Lulju 2009, u bl-imghax kontra l-Awtorita' konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Awtorita konvenuta, li in forza taghha hija eccepiet :

**Id-Difiża**
Ir-rikorrent qed jippretendi li l-Awtorita` aġixxiet in *mala fede* fil-konfront tiegħu, li abbużat mill-poteri tagħha, li aġixxiet b'mod illegali u li bħala konsegwenza huwa sofra danni, li għalihom għandha tirrispondi l-Awtorita`. Ir-rimedju għal dan it-tip ta' aġir hu kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Awtorita' qed tirrispondi a bażi tal-presuppost li din hi azzjoni li tressqet taħt l-Artikolu 469A.

1. L-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) ta' l-artikolu 469A għadda.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' aġixxiet abbażi ta' *policy* li ġiet mwaqqfa mill-Gvern sakemm inbidlet f'Lulju ta' 2008 u għaldaqstant, jekk kien hemm xi illegalita' fil-policy (kwistjoni li hi kontestata mill-Awtorita') mhix l-Awtorita' li tirrispondi għaliha.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost sabiex tirnexxi din l-azzjoni, r-rikorrent jeħtieġ li jipprova (i) il-*mala fede* ta' l-Awtorita' jew l-aġir mhux raġonevoli, illegali u abbużiv tagħha; u (ii) id-danni allegatament imġarrba minħabba l-allegat aġir; (iii) in-ness bejn l-allegati danni u l-kawża ta' dawn id-danni minħabba l-allegat aġir ta' l-Awtorita'; u (iv) illi hi qdiet l-obbligu tagħha li timminimizza d-danni allegati. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorita tiċħad li hi ħatja ta' kwalsiasi aġir in *mala fede* u/jew illegali u/jew abbużiv u/jew irraġonevoli. L-Awtorita' tiċħad ukoll li hi kkawżat kwalunkwe danni lill-atturi.

B'riżerva ghal eċċezzjonijiet ulterjori b'mod partikolari, pero' mhux biss, f'każ li l-atturi jiddikjaraw li din mhix azzjoni mressqa taħt l-Artikolu 469A.

**Il-Fatti**

1. Fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-Awtorita' m'għandiex x'tikkummenta.

2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-Awtorita' tgħid illi sa Lulju ta' l-2008, is-suq għall-karri funebri kien wieħed magħluq. Fil-fatt sa mill- 1970 f'dan is-suq partikolari kien hemm kwota tan-numru ta' karri funebri li setgħu jiġu liċenzjati. Il-kwota għal dawn il-tip ta' vetturi kienet ta' għaxra għal Malta u tnejn f'Għawdex u din ġiet stabbilita mil-ministeru kkonċernat. L-Awtorita' dejjem segwiet il-*policy* tal-kwota li stabilixxa l-Gvern u ddeċiżjonijiet tagħha ttieħdu abbażi ta' dawn il-*policies*. Il-*Motor Hearse Owner's Association* kienet konsapevoli tal-fatt li kien hemm kwota li ġiet stabbilita u dejjem qablet magħha u saħansitra ddefendietaha. Jingħad ukoll li fl-1997, l-Awtorita' kienet ikkummissjonat studju sabiex tinvestiga jekk is-suq għal dawn it-tip ta' vetturi kellux jikber iktar mill-kwota li ġiet stabbilita (ara Dok ADT 1 anness ma din ir-risposta). Wara l-konklużjoni ta' dan l-istudju l-Awtorita'

ddeċidiet li ma kienx hemm skop li titbiddel il-*policy* fir-rigward tal-karrijiet funebri. Kienet għal din ir-raġuni li l-Awtorita' irrifjutat li tilliċenzja l-vetturi in kwistjoni. L-Awtorita' tgħid illi dan ir-rifjut kien wieħed legali u fil-parametri tal-liġi. L-Awtorita' tirrileva ukoll li r-rikorrent kien jaf, meta importa ż-żewġ vetturi fl-2002, li dan is-suq kien wieħed ristrett għal għaxar vetturi biss f'Malta. Ir-rikorrent kien fil-passat jifforma parti mill-*Motor Hearse Owner's Association* u kien jopera żewġ karrijiet funebri f'dan is-suq ristrett. Għaldaqstant l-Awtorita' tirrileva li hi ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrenti kif allegat.

3. Il-fatti msemmija fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat mhumiex kontestati. F'dan ir-rigward pero', l-Awtorita' tgħid illi l-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta iddikjara li l-ilment tar-rikorrenti kien inammissibbli minħabba l-fatt li l-Awtorita' ma kinitx intrapriża ai termini ta' l-artikolu 2 tal-Kap 379 u ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat ta' Ruma li waqqaf il-Komunita' Ewropea. Fid-deċiżjoni tal- 5 ta' Lulju 2004, l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kkonfermat id-deċiżjoni ta' l-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta ta' 21 t' April 2003 u ddikkjarat li l-ilment tar-rikorrent huwa inammissibbli (Vide Dok A anness mar-rikors ġuramentat).

4. Fir-rigward tar-raba' paragrafu l-Awtorita' ma tikkontestax il-fatt li r-rikorrent importa erba' vetturi tal-mejtin oħra ġodda – tnejn matul l-2006 u tnejn oħra matul l-2007. L-Awtorita' irrifjuat li tilliċenzja dawn il-vetturi għar-raġunijiet esposti fil-paragrafu 2 ta' din ir-risposta.

5. L-Awtorita' tiċħad il-fatti esposti fil-ħames paragrafu tar-rikors ġuramentat. L-Awtorita' ma aġixxietx in *mala fede.* L-Awtorita' tiċħad ukoll li r-rikorrent kien intitolat skond il-liġi u minħabba d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust li jkollu l-vetturi tiegħu rreġistrati. Kif ġie spjegat fil-paragrafu numru 3 aktar il-fuq, Il-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust ikkonkludiet li l-ilment tar-rikorrenti kien inammissibbli għaliex l-Awtorita' ma kinitx intrapriża ai termini ta' l-artikolu 2 tal-Kap 379. Konsegwentement ma kien hemm l-ebda ksur tal-Kap 379 kif kien qed jiġi allegat min-naħa tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri. Fi kwalunkwe

każ dik id-deċiżjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-vetturi li ġew importati fl-2006 u fl-2007 u li dwarhom qed issir din il-kawża.

6. Fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-Awtorita' tiċħad li hi qatt aġġixxiet b'mod illegali u dan għar-raġunijiet suesposti.

7. Fir-rigward tal-paragrafu numru sebgħa tar-rikors ġuramentat, l-Awtorita' taqbel li r-rikorrent ressaq ilment ieħor quddiem l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (1/2008) liema ilment ġie meqjus inammissibbli minħabba l-fatt li l-Awtorita' mhix intrapriża ai termini tal-Kap 379 u wara inbdew proċeduri oħra quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust.

8. L-Awtorita' ma taqbilx mal-fatti kif esposti fit-tmien paragrafu tar-rikors ġuramentat. L-Awtorita' tirrileva li l-vetturi ġew illiċenzjati wara li f'Lulju ta' 2008, il-gvern ħa d-deċiżjoni ji jiġi liberalizzat is-suq għall-karrijiet funebri.

9. Fir-rigward tal-paragrafi numru disgħa, u għaxra ħdax, l-Awtorita' tiċħad li hi kkawżat xi forma ta' danni lir-rikorrenti u/jew li hi għandha tirriżarċixxi xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti. L-Awotirta' tiċħad ulterjorment li l-oppożizzjoni tagħha li tirreġistra l-vetturi kienu nġustifikati u mingħajr ebda fundament legali jew fattwali.
Rat u il-lista tax-xhieda ta' l-Awtorita konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita konvenuta.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita konvenuta hija fis-sens illi l- azzjoni hija perenta, billi t-terminu perentorju ta’ sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) ta’ l-artikolu 469A għadda.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-sena 2002 l-attur importa zewg karrijiet funebri u intavola applikazzjoni mal-awtorita konvenuta sabiex din tohrog licenzja ghall-vetturi illi kien importa. L-awtortita konvenuta kienet iddecidiet fir-rigward ta’ din it-talba billi irrifjutat li tirregistra dawn iz-zewg vetturi.

Illi kien ghalhekk illi l-attur ilmenta mal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta biex dan jistharreg il-validita tar-rifjut tal-Awtorita ai termini tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta kien iddikajra l-ilment inammissibbli u ghalhekk l-attur talab illi din id-decizjoni tigi imharga mill-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust.

Illi fil-5 ta’ Lulju 2004 il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust kienet tat decizjoni fejn qablet mal-konkluzzjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta fis-sens illi l-ilment tal-attur kien inammissibbli.

Illi wara illi inghatat din id-decizjoni, il-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust regghet sejjhet lic-Chairman tal-Awtorita quddiemha u ordnat lill-Awtorita sabiex tillicenzja iz-zewg karrijiet funebri illi kien importa l-attur u effettivament dawn gew licenzjati fid-19 ta’ Mejju 2006.

Illi sussegwentement l-attur xtara u importa f’Malta erbgha karrijiet funebri ohra, tnejn fis-sena 2006 u tnejn ohra fis-sena 2007. L-avukat tal-attur baghat ittra lill-awtorita konvenuta fil-21 ta’ Lulju 2006, illi permezz taghha infurmaha illi l-attur kien ser jimporta zewg karrijiet funebri ohra u talab lill-awtorita konvenuta tohrog il-licenzji rilevanti ghal dawn iz-zewg karrijiet funebri. Fil-21 ta’ Awissu 2006 l-avukat tal-attur rega kiteb lill-awtorita konvenuta u infurmaha li kienet ghadha ma haditx

decizjoni dwar l-ewwel ittra tieghu u illi kien ghadu qieghed jistenna li hi taghtih decizjoni. Fil-25 ta' Ottubru 2006 l-awtorita konvenuta tat decizjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-attur u infurmat lill-avukat tieghu illi l-awtorita konvenuta ghalissa ma kienitx ser tirregistra u tillicenzja il-karrijiet funebri. Illi b'hekk, kif ammetta Vincent Micallef Pule, ghall-awtorita konvenuta, permezz ta' din l-ittra l-awtorita konvenuta irrifjutat l-applikazzjoni tal-attur.

Illi fl-24 ta' Awissu 2007 l-avukat difensur tal-attur rega' kiteb lill-awtorita konvenuta fejn infurmaha illi apparti dawk iz-zewg karrijiet funebri illi kien semma qabel l-attur kienx xtara zewg karrijiet funebri ohrajn u permezz ta' din l-ittra l-awtorita konvenuta giet mitluba terga tirrikonsidra id-decizjoni taghha u giet ukoll mitluba tillicenzja u tirregistra iz-zewg karrijiet funebri ohra illi kien xtara l-attur.

Illi l-attur sussegwentement ghamel ilment iehor mal-Ufficju minhabba ir-rifjut tal-awtorita li tirregistra l-erbgha vetturi illi kien xtara u importa f'Malta. Pero' dawn il-proceduri ma gewx konkluzi peress illi l-Gvern habbar il-liberizzazzjoni tas-settur tal-hearses u konsegwentement dawn l-erbgha karrijiet funebri gew irregistrati fil-15 ta' Lulju 2008.

Illi qabel ma inhargu il-pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi fil-15 ta' Lulju 2008, gew sottomessi ir-registration declaration forms ghal kull wahda minn dan il-karrijiet funebri u dan fl-14 ta' Lulju 2008 .

Illi Vincent Micallef Pule xehed illi sabiex tigi registrata vettura iridu jintlew registration declaration forms ghal kull wahda minn dawn il-vetturi u effettivament ir-registration declaration forms gew sottomessi qabel ma inhargu il-pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi fil-15 ta' Lulju 2008.

Illi is-Sur Micallef Pule xehed illi f'kuntest ta' suq maghluq bhalma kien is-suq tal-karrijiet mejtin, qabel ma kienu jintlew dawk il-formoli imsemmija, kienet issir applikazzjoni mal-awtorita konvenuta fejn kienet tintalab l-awtorizzazzjoni sabiex tigi importata vettura u tigi wkoll

licenzjata u effettivament l-attur adempixxa ruhu ma din il-procedura.

Illi l-attur intavola il-procedura odjerna quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2009.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-awtorita konvenuta responsabbli ghad-danni illi huwa sofra minhabba mala fede, eghmil illegali, abbuziv u irragonevoli u konsegwentement il-Qorti qeghda tigi mitluba tillikwida d-danni sofferti mill-attur u tikkundanna lill-awtorita konvenuta thallas dawn id-danni hekk likwidati lill-attur.

Illi l-Qorti rat illi l-premessi illi ghamel l-attur fir-rikors guramentat u it-talbiet tieghu jiddeterminaw il-parametri tal-azzjoni mehuda mill-attur. F'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2004 fil-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Limited.

Illi Qorti timxi skond il-premessi u it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur u mhux minn xi presupposizzjoni maghmula minn konvenut.

Illi fil-kaz odjern l-awtorita konvenuta eccepiet illi l-attur qieghed jippretendi illi hija aggixxiet in mala fede fil-konfront tieghu. L-awtorita konvenuta issottomettiet illi ir-rimedju ghal dan it-tip ta' agir hu kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ghalhekk irrispondiet a bazi tal-presuppost li din hija azzjoni li tressqet taħt l-Artikolu 469A u ghaddiet sabiex taghti l-eccezzjonijiet taghha ibbazati fuq il-presupposizzjoni illi ghamlet hi stess.

L-Awtorita konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha issottometiet illi mill-qari tar-rikors guramentat jirriżulta li l-attur qieghed jippretendi li l-awtorita konvenuta aġixxiet in mala fede, abbużat mill-poteri tagħha u li aġixxiet b'mod illegali meta damet biex tirreġistra l-karrijiet funebri in kwistjoni. L-awtorita konvenuta issottomettiet illi ghalhekk

l-azzjoni hija waħda għad-danni liema danni allegatament jirriżultaw b'konsegwenza ta' dan l-allegat aġir illegali tal-awtorita' konvenuta u sabiex il-Qorti tasal għad-determinazzjoni jekk l-Awtorita' hix responsabbli jew le għad-danni fil-konfront tal-attur, hija issottomettiet illi il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tissindika l-aġir tal-awtorita konvenuta fil-konfront tal-attur u tiddeċiedi jekk kienx hemm xi forma ta' illegalita' fir-rigward ta' dak l-aġir.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur issottometta illi l-azzjoni tieghu hija wahda ghar-rizarciment tad-danni u li huwa fl-ebda hin ma talab ghat-thassir jew impunjazzjoni ta' xi ghemil amministrattiv, izda talab biss ghas-sejbien ta' responsabbilita' ghad-danni u rizarciment konsegwenzjali.

Illi il-fatt li l-awtorita' konvenuta hija entita' ta' l-Istat jew delegata ta' tali entitajiet ma jbiddel xejn minn dan kollu.

Illi l-attur issottometta illi mill-premessi fir-rikors guramentat u it-talbiet dedotti fih jirrizulta illi l-azzjoni tal-attur hija wahda attenenti ghar-ricarciment ta' danni sofferti mill-attur minhabba ir-rifjut jew dewmien minn naha tal-awtorita konvenuta biex twettaq id-dmirijiet taghha fiz-zminijiet determinati. Huwa issottometta li l-awtorita konvenuta mhijiex taghmel distinzjoni bejn l-azzjoni gudizzjarja ghat-twaqqiegh ta' ghemil amministrattiv mahsuba mill-ewwel subinciz ta' l-Artikolu 469A u azzjoni ghal risarciment ta' danni kontra awtorita' pubblika, ikkontemplata kemm mill-hames subinciz ta' l-Artikolu 469A u kif ukoll mill-principji generali tal-ligi, kif migbura fil-Kodici Civili, illi jirrendu l-awtorita' pubblika suxxettibbli ghal talbiet min-naha ta' cittadini privati ghal risarciment ta' danni minnhom subiti.

Illi l-attur issottometta illi una volta l-Artikolu 469A (3) jillimita espressament l-effetti tieghu ghal azzjonijiet ghat-twaqqiegh ta' ghemil amministrattiv imsejsa fuq l-impunjattiva li dak l-att amministrattiv ikun ultra vires, azzjoni ghat-twaqqiegh ta' ghemil amministrattiv fuq l-isfond li dak l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni hija eskluza

mill-applikazzjoni tat-terminu perentorju ta' sitt xhur eccepit mill-awtorita konvenuta, u f'dan ir-rigward jiccita sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv Ufficju tal-Prim Ministru.

Illi l-attur issottometta wkoll illi id-dritt ta' azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika ghar-rizarciment tad-danni ma hux naxxenti mill-hames subinciz ta' l-Artikolu 469A, izda il-gurisprudenza nostrana in materja ta' dritt pubbliku hija mzewwqa b'diversi decizjonijiet li jikkonfermaw is-sindikabilita' ta' l-Istat ghall-agir tieghu mill-organu gudizzjarju, ghal fini tar-rizarciment ta' danni, liema decizjonijiet kienu jipprecedu l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 469A fil-Ligi taghna.

Ghalhekk l-attur issottometta illi il-hames subinciz tal-Artikolu 469A jippermetti azzjoni ghar-rizarciment ta' danni minhabba ghemil amministrattiv kif ukoll illi kontestwament issir azzjoni ghat-twaqqiegh ta' dak l-ghemil, u ghalhekk l-Artikolu 469A(5) ma johloqx dritt ta' azzjoni, izda jipprovdi biss ghal kumulu ta' talbiet f'azzjoni wahda u dan sabiex tigi agevolata l-ekonomija tal-gudizzju.

In sostenn ta' dan l-attur issottometta illi id-disposizzjoni tal-Ligi tikkontempla illi l-azzjoni ghall-risarciment ta' danni tista' ssir flimkien ma' l-azzjoni ghat-twaqqiegh ta' ghemil amministrattiv.

Illi l-attur issottometta ukoll illi imkien fir-rikors guramentat tieghu huwa ma talab xi forma ta' determinazzjoni dwar il-legalita o meno ta' l-agir tal-awtorita konvenuta. L-attur talab ghal danni subiti minnu b'konsegwenza ta' atti illeciti kommessi mill-awtorita konvenuta.

Illi f'dan ir-rigward l-attur ikkwota sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-17 ta' Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet Maria Caruana Demajo vs Direttur tas-Sigurta' Socjali.

Illi f'dik il-kawza l-attrici kienet intavolat din il-kawza fejn talbet il-hlas ta' danni minnha subiti b'konsegwenza tal-

fatt illi l-konvenut direttur kien naqas milli jhallasha tempestivament il-pensjoni tar-romol u meta hallasha f'daqqa arretrati ta' erba' snin u nofs pensjoni, l-attrici intlaqtet minn rata oghla ta' taxxa fuq id-dhul milli kieku kienet tinkorri li kieku l-hlasijiet sehhew matul il-medda ta' dawk l-erba' snin u nofs.

Illi f'dik il-kawza il-konvenut kien eccepixxa il-preskrizzjoni semestrali, izda il-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet l-appell tal-konvenut, billi qieset illi l-azzjoni attrici ma kienitx timpunja l-validita' ta' ghemil amministrattiv, izda kienet wahda ghal rizarciment ta' danni. Il-Qorti kienet qalet hekk :

"Mill-ottika ta' l-attrici appellata l-azzjoni taghha tidher li hi arginata fuq il-vjolazzjoni da parti tad-Direttur appellanti li jhares l-obbligu ta' imgieba li skond il-ligi, ex-Artikolu 98 (1) (b) (iii), hu kien tenut li josserva. Evidentement, din id-diposizzjoni ggib maghha ghas-soggett intitolat ghal pensjoni, jew assistenza providenzjali ohra, l-ezercizzju da parti tad-Direttur ta' dik l-attivita` determinata rivolta, sew direttament sew strumentalment, ghall-attwazzjoni ta' dik il-funzjoni istituzzjonali tieghu konsistenti fl-erogazzjoni f'waqtha, u fit-terminu prevvist, tal-pensjoni dovuta jew ta' kull zieda taghha. Ma jista' qatt ikun dubitat illi fejn l-interess legittimu jkun meritevoli ta' tutela skond il-ligi posittiva, il-lezjoni tieghu jista', fid-dati cirkostanzi, jkunu fonti ta' responsabilita` anke akwiljana, li jaghti lok ghar-rizarciment tad-danni ingust fejn jirrizulta li s-soggett jisfa danneggjat b'effett ta' attivita illecita jew illegittima mill-Amministrazzjoni Pubblika. Dan f'korrelazzjoni tad-diversi dikasteri ta' din l-istess Amministrazzjoni Pubblika fir-relazzjonijiet taghhom mac-cittadin". Il-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet illi l-amministrazzjoni pubblika trid twiegeb ghad-danni fejn tonqos li tadempixxi ruhha mal-obbligazzjonijiet ta' bonus pater familias.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi l-attur ghandu ragun f'dawn is-sottomissjonijiet tieghu. L-azzjoni tal-attur tressqet ukoll ghal risarciment ta' danni illi huwa allegatament sofra

b'konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-awtorita konvenuta milli tadempixxi l-obbligazzjonijiet imposti fuqha bil-ligi, illi fil-kaz odjern kienu jikkoncernaw licenzjar f'waqtu tal-vetturi illi huwa kien importa u ir-registrazzjoni taghhom.

Illi l-attur fl-ebda hin ma talab sabiex jigi impunjat dak l-ghemil amministrattiv u ghalhekk il-htija illi tista tirrizulta minn dan in-nuqqas hija wahda delittwali bl-istess mod kif fil-kawza hawn fuq imsemmija, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kellu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali ghan-nuqqas tieghu milli jwettaq dak li huwa kien obbligat li jaghmel ex lege f'waqtu.

Ikkunsidrat :

Illi anke permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Elmo Insurance Services Limited nomine vs PC537 Joseph Micallef et deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti qalet illi fis-sistema nostran l-impjegat fl-amministrazzjoni pubblika huwa responsabbli u huwa issoggettat personalment ghar-responsabbilita personali u konsegwenzjali ghall-agir tieghu fil-qadi tad-doveri tieghu, izda dan ma jfissirx illi l-Istat ma jistax ukoll, jkun responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegat tieghu, ghal tali danni u dan bhala konsegwenza ta' amministrazzjoni hazina illi tigi ippruvata, jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk ir-regoli li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblika tkun tissuggerhielu li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin. Il-Qorti f'dik il-kawza kienet qalet hekk :

"Din il-Qorti allura tirritjeni illi r-responsablita' amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cioe' fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadin privat sakemm il-ligi ma kienitx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita'".

Ghadaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita konvenuta u tordna il-prosegwiment ta' din il-kawza. Bl-ispejjez kontra l-awtorita konvenuta. Il-Qorti qeghda tibghat l-atti ta' din il-kawza lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali sabiex jigu assenjati lil din il-Qorti diversament preseduta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------